A.L. 38 ta' l-1998

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni ta' l-1998 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1998 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mis-16 ta' Jannar, 1998.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern 'l hemm minn Vjal it-Tmienja ta' Settembru, fl-artijiet Tal-Ġgantija, limiti tax-Xagħra, Għawdex, kif hawn aktar 'il quddiem indikat —

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 240.8 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 6, Triq il-Bambina, li tmiss mill-Majistral ma' Triq il-Bambina, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Gerald Sultana, u mill-Grigal ma' proprjetà ta' Carmel Tabone, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 6, magħruf bħala "Bismark", Triq il-Bambina, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.6 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 160/96).

(b) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 230.09 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 7, Triq il-Bambina, li

tmiss mill-Majistral ma' Triq il-Bambina, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Michael Attard, u mill-Grigal ma' proprjetà ta' Laurence Rapa, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 7, magħruf bħala "Carmen House", Triq il-Bambina, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.7 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 225/96).

(ċ) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 216.27 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 8, Triq il-Bambina, li tmiss mill-Majistral ma' Triq il-Bambina, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Carmel Tabone, u mill-Grigal ma' proprjetà ta' Joseph Attard, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 8, Triq il-Bambina, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.8 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 115/96).

(d) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 205.12 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 9, Triq il-Bambina, li tmiss mill-Majistral ma' Triq il-Bambina, mil-Xlokk ma' proprjetà ta' Michael Sultana, u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Laurence Rapa, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 9, Triq il-Bambina, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.9 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 100/96).

(e) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 193.98 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 10, Triq il-Bambina, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Francis Mercieca, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Joseph Attard, u mill-Majistral ma' Triq il-Bambina, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 10, magħruf bħala "Arcadia", Triq il-Bambina, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.10 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 267/96).

(f) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 180.95 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 11, Triq il-Bambina, li tmiss mill-Majistral ma' Triq il-Bambina, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Vicky Saliba, u mill-Grigal ma' proprjetà ta' Francis Mercieca, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 11, magħruf bħala "Francon House", Triq il-Bambina, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.11 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 34/96).

(g) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 175.55 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 19, Triq Juel, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Vicky Saliba, min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Michael Sultana, u mil-Lvant ma' Triq Juel, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 19,

magħruf bħala "Dar Sant' Anna", Triq Juel, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.19 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 98/96).

(h) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 192.3 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 29, Triq Juel, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Carmel Sultana, min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Anthony Refalo, u mil-Lvant ma' Triq Juel, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 20, magħruf bħala "Sultana Tal-Paċi", Triq Juel, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.20 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 117/96).

(i) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 209.8 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 21, Triq Juel, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Michael Sultana, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Joseph Vella, u mix-Xlokk ma' Triq Juel, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 21, magħruf bħala "Marton House", Triq Juel, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.21 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 122/96).

(j) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 241.81 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 23, Triq Juel, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Joseph Vella, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Joseph Curmi, u mix-Xlokk ma' Triq Juel, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 23, magħruf bħala "Tonann House", Triq Juel, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.23 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 99/96).

(k) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 235.04 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 24, Triq Juel, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Anthony Sciberras, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Joseph Buttigieg, u mix-Xlokk ma' Triq Juel, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 24, Triq Juel, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.24 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 27/96).

(l) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 171.25 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 26, Triq Juel, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Joseph Buttigieg, mil-Lvant ma' Triq Juel, u mill-Punent ma' proprjetà ta' Michael Cini, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 26, Triq Juel, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.26 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 109/96).

(m) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 153.11 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 28, Triq Juel, li tmiss min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Alfred Camilleri, mil-Lvant ma' Triq Juel, u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Victor Attard, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 28, Triq Juel, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.28 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 646/96).

(n) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 185.83 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 29, Triq Aris kantuniera ma' Triq Juel, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Salvu Attard, min-Nofs-in-Nhar ma' Triq Aris, u mil-Lvant ma' Triq Juel, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 29, Triq Aris kantuniera ma' Triq Juel, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.29 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 47/96).

(o) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 153.11 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 30, Triq Aris, li tmiss mill-Majistral ma' proprjetà ta' Joseph Grima, mil-Lbiċ ma' Triq Aris, u mill-Grigal ma' proprjetà ta' Salvu Attard, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 30, Triq Aris, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.30 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 17/97).

(p) Biċċa art tal-ķejl ta' madwar 145.21 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 31, Triq Aris, li tmiss mill-Majistral ma' proprjetà ta' Michael Cini, mil-Lbiċ ma' Triq Aris, u mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Victor Attard, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 31, Triq Aris, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.31 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 608/96).

(q) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 176.47 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 32, Triq Aris, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Nazzareno Borg, mil-Lbiċ ma' Triq Aris, u mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Joseph Grima, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 32, Triq Aris, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.32 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 9/97).

(r) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 234.57 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 38, Triq Juel, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Bernard Sultana, mil-Lvant ma' proprjetà ta' Loreto Galea, u mill-Punent ma' Triq Juel, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 38, Triq

Juel, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.38 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 423/96).

(s) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 234.57 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 39, Triq Juel, li tmiss min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Carmel Attard, mil-Lvant ma' proprjetà ta' Mario Agius, u mill-Punent ma' Triq Juel, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 39, Triq Juel, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.39 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 649/96).

(t) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 234.57 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 41, Triq Juel, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Salvu Attard, mil-Lvant ma' proprjetà ta' Emanuel Theuma, u mill-Punent ma' Triq Juel, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 41, magħruf bħala "Albatross", Triq Juel, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.41 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 406/96).

(u) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 234.57 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 42, Triq Juel, li tmiss min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Joseph Attard, mil-Lvant ma' proprjetà ta' Angela Borg, u mill-Punent ma' Triq Juel, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 42, Triq Juel, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.42 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 492/96).

(v) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 234.57 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 46, Triq Juel, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' George Attard, mil-Lvant ma proprjetà ta' Noel Vella Zarb, u mill-Punent ma' Triq Juel, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 46, magħruf bħala "Qalb Ta' Ġesu", Triq Juel, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.46 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 551/96).

(w) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 222.84 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 48, Triq Juel, li tmiss min-Nofs in-Nhar ma' prorprjetà ta' George Attard, mil-Lvant ma' proprjetà ta' Martin Attard, u mill-Punent ma' Triq Juel, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 48, magħruf bħala "May Flower", Triq Juel, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.48 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 114/96).

(x) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 192.11 metru dkadru magħrufa bħala Plot No. 50, Triq Juel, kantuniera ma' Triq il-Mitħna, li tmiss mill-Grigal ma' Triq il-Mitħna, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Michael Galea, u mill-Majjistral ma' Triq Juel, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 50, magħruf bħala "Gilmar", Triq Juel, kantuniera ma' Triq il-Mitħna, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.50 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 78/96).

(y) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 199.13 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 52, Triq il-Mitħna, li tmiss mill-Grigal ma' Triq il-Mitħna, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Joseph Cutajar, u mill-Majistral ma' proprjetà ta' Victor Bajada, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 52, magħruf bħala "Twelid ta' Maria Bambina", Triq il-Mitħna, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.52 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 131/96).

(z) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 194.83 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 54, Triq il-Mitħna, li tmiss mill-Grigal ma' Triq il-Mitħna, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Francis Attard, u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Joseph Cutajar, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 54, magħrufa bħala "Merħba", Triq il-Mitħna, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.54 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 205/96).

(aa) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 203.39 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 55, Triq il-Mitħna, li tmiss mill-Grigal ma' Triq il-Mitħna, min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Josephine Harvey, u mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Saviour Mercieca, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 55, magħruf bħala "Madonnina", Triq il-Mitħna, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.55 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 210/96).

(bb) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 186.27 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 56, Triq il-Mitħna, li tmiss mill-Grigal ma' Triq il-Mitħna, min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Josephine Harvey, u mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Francis Attard, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 56, magħruf bħala "Tighna Bravich", Triq il-Mitħna, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.56 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 152/96).

(ċċ) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 223.42 metru

kwadru magħrufa bħala Plot No. 58, Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq l-Imqades, li tmiss mill-Grigal ma' Triq il-Mitħna, min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Josephine Harvey, u mil-Lvant ma' Triq l-Imqades, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 58, Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq l-Imqades, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.58 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 244/96).

(dd) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 234.57 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 59, Triq l-Imqades, li tmiss min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Noel Vella Zarb, mil-Lvant ma' Triq l-Imqades, u mill-Punent ma' proprjetà ta' George Attard, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 59, magħruf bħala "St. Andrew", Triq l-Imqades, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.59 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 150/96).

(ee) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 234.57 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 60, Triq l-Imqades, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Josephine Harvey, min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Kristinu Azzopardi, u mil-Lvant ma' Triq l-Imqades, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 60, magħruf bħala "Ave Maria", Triq l-Imqades, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.60 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 187/96).

(ff) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 234.57 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 61, Triq l-Imqades, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Noel Vella Zarb, min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Victor Galea, u mil-Lvant ma' Triq l-Imqades, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 61, magħruf bħala "Casa Azzopardi", Triq l-Imqades, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.61 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 314/96).

(gg) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 234.57 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 62, Triq l-Imqades, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Kristinu Azzopardi, min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Emanuel Galea, u mil-Lvant ma' Triq l-Imqades, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 62, magħruf bħala "North Sunshine", Triq l-Imqades, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.62 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 241/96).

(hh) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 234.57 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 64, Triq l-Imqades, li tmiss min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Emanuel Theuma, u mil-Lvant ma' Triq l-Imqades, u mill-Punent ma' proprjetà ta' Joseph Attard, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 64, Triq l-Imqades, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.64 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 96/96).

(ii) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 234.57 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 65, Triq l-Imqades, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Angela Borg, mil-Lvant ma' Triq l-Imqades, u mill-Punent ma' proprjetà ta' Joseph Attard, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 65, magħruf bħala "Alla Magħna", Triq l-Imqades, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.65 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 204/96).

(jj) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 204.8 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 70, Triq Aris, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Marianna Xerri, min-Nofs-in-Nhar ma' Triq Aris, u mill-Punent ma' proprjetà ta' Adrian Azzopardi, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 70, Triq Aris, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.70 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 525/96).

(kk) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 204.8 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 72, Triq Aris, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Loreto Galea, min-Nofs-in-Nhar ma' Triq Aris, u mill-Punent ma' proprjetà ta' Joseph Xerri, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 72, magħruf bħala "Orthensia House", Triq Aris, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.72 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 290/96).

(ll) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 204.8 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 73, Triq Aris, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Loreto Galea, min-Nofs-in-Nhar ma' Triq Aris, u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Saviour Cutajar, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 73, magħruf bħala "Tulip House", Triq Aris, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.73 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 315/96).

(mm) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 205.57 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 74, Triq Aris, li tmiss min-Nofs-in-Nhar ma' Triq Aris, mil-Lvant ma' proprjetà

ta' Joseph Xerri, u mill-Punent ma' proprjetà ta' Nicholas Galea, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 74, magħruf bħala "Charjane House", Triq Aris, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.74 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 513/96).

(nn) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 204.8 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 75, Triq Aris, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Carmel Attard, min-Nofs-in-Nhar ma' Triq Aris, u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Carmel Theuma, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 75, Triq Aris, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.75 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 702/96).

(oo) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 204.8 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 76, Triq Aris, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Carmel Attard, min-Nofs-in-Nhar ma' Triq Aris, u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Nicholas Galea, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 76, Triq Aris, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.76 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 97/96).

(pp) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 204.8 metru kwadru magħrufa bħala Plot No. 77, Triq Aris, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Carmel Attard, min-Nofs in-Nhar ma' Triq Aris, u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Francis Borg, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 77, magħruf bħala "Chrislen House", Triq Aris, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.77 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 75/96).